***ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.***

**Avviz Nru: 231/01**

**HLB Advisory Services Limited**

**Vs**

**Panorama Company Limited**

***Illum 27 ta' Lulju 2001,***

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-tal-kumpanija konvenuta sabiex jhallasha is-somma ta' tlett mija u hdax il-liri u hamsin centezmu (Lm311.50) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz, import ghal hlas ta' drittijiet professjonali ghal servizzi rezi lilhom mis-socjeta` attrici skond il-prospett (Dok A).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali (Lm5.75) kontra taghhom u bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokument esebit u kkonfermat bil0-gurament minn Joseph Galea issib illi it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa` it-talba attrici u

tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' tlett mija u hdax il-liri Maltin u hamsin centezmu (Lm311.50) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz bl-imghaxijiet legali dovuti b'effett mis-26 ta' Marzu tas-sena 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

………………………………………
Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg